# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgha 11 ta' Jannar 2023**

**Talba nru. 5/2019**

**KEVIN CAMILLERI**
**(ID 00545781M)**

***VERSUS***

**SPOT ON GYPSUM LTD**
**(C-17199)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avviz ipprezentat fis-17 ta' Jannar 2019 l-attur talab lis-socjeta konvenuta l-hlas ta' l-ammont ta' elfejn u tnejn u ghoxrin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (Eur 2,022.52) li jinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud rapprezentanti servizzi rezi mir-rikorrenti fuq struzzjonijet taghha konsistenti diversi xogholijiet skond l-invoice ipprezentata. L-attur talab ukoll l-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 2446/18 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru numru 98/19 ipprezentati ma' l-Avviz u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Illi s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata fit-8 ta' Frar 2019 u giet ipprezentata risposta fit-18 ta' Frar 2019 fejn fiha ecceppiet illi:-

Fl-ewwel lok r-rikorrenti ghandu jipprova x relazzjoni guridika hemm bejnu u s-socjeta esponenti stante illi s-socjeta esponenti qatt ma nkarigat lir-rikorrenti sabiex iwettaq ix-xoghol li ghalih qed jitlob kumpens. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta intimata ma hijiex debitrici ta' l-istess rikorrenti fl-ebda ammont, kif ser jigi ppruvat mit-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-ammont pretiz huwa certament esagerat u ghaldaqstant qieghed jigi kontestat partikolarment meta s-socjeta esponenti qatt ma inghatat xi forma ta' stima ta' l-ispejjez li kellhom jigu inkorsi ghax-xogholijiet imsemmija u qatt ma kien hemm xi qbil jew kunsens da parti taghha sabiex isiru dawn ix-xogholijiet.

Illi s-socjeta esponenti ma inghatat jew giet murija l-ebda ircevuti ghall-ispejjez tal-makkinarju u l-oggetti indikati fil-fattura mahruga mir-rikorrenti u ghaldaqstant ghandha tingieb prova ta' dawn l-ispejjez. Illi din it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Sema x-xhieda ta' Dominic Abela, David Camilleri u Charlton Bugeja fis-27 ta' Mejju 2019.

Sema x-xhieda ta' Joseph Fenech fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2020 fejn fl-istess udjenza l-attur iddikjara li ezawrixxa l-provi kollha.

Sema x-xhieda tas-socjeta konvenuta u li l-istess iddikjarat provi maghluqa fit-3 ta' Novembru 2021.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni finali li saret fl-10 ta' Dicembru 2021 liema trattazzjoni giet rekordjata u debitament transkritta.

Ra l-atti processwali.

Provi

Illi qabel it-Tribunal jaghmel il-konsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli illi brevement issir sintezi tal-provi migbura.

L-ewwel xhud imressaq mill-attur kien propju Dominic Abela, rapprezentant tas-socjeta konvenuta. Jghid illi ried jaghmel service lil wiehed mill-lifters tieghu u kien propju ghalhekk li sar kuntatt ma hu l-attur. Ix-xhud ikompli jghid illi l-attur dam hafna biex mar jaghmel is-service u fil-gurnata li kien mar biex jaghti dan is-servizz lis-socjeta konvenuta. Wara li lesta mix-xoghol, l-attur kien halla karta bl-ammont li kellu jithallas li kien "*Xi elf u tmien mitt Ewro minghalija. U ghidtlu int qed tiggennen ta' servizz li lifter elf u tmien mitt Ewro*?" Ix-xhud jghid illi meta cempel lill-attur, dan ta' l-ahhar kien joffendih u jheddu.

Mistoqsi fuq invoices jew dokumenti ohra, x-xhud qal illi "*wara li qala l-argumenti beda jgib. Issa inti iggib li trid invoice. L-invoice qabel ma tahdem trid iggib l-affarijiet x nefaq u ma nefaqx*." Dawn l-invoices waslu wara xaharejn skond l-istess xhud. Rigward il-hlas Dominic Abela jghid a fol.22, "*ghadni sa llum irrid inhallsu jiena. Illum lest li nhallsu. Lilu offrejtlu jiena, ghidtlu jekk inti mintiex taqbel mieghi ghidtlu jiena ha nkun ragel mieghek, ghidtlu tini elf ewro ghidtlu u hudu l-fork lifter.*"

Ix-xhud jikkonferma ghal diversi drabi illi ma hemmx kontestazzjoni li x-xoghol sar mill-attur u li dan irid jithallas. Il-problema si tratta l-ammont, "ghax hu eccessiv" (a fol.22) li l-attur qed jippretendi minghand is-socjeta konvenuta.

David Camilleri prodott mill-attur xehed illi l-lifter kellu bzonn bdil fil-pompi ghax kienu qed jitilfu z-zejt. Minhabba li x-xhud ma kellux cans imur jaghmel dawn it-tiswijiet kien issuggerixxa li jmur huh u cioe l-attur, li kien jaghmel xoghol fuq dghajjes. Jghid illi Kevin Camilleri kien mar bidel il-pompi taz-zejt u wara kien gie anke mitlub sabiex jaghmel service tal-forklifter. Meta x-xhud cempel lil huh u cioe lill-attur sabiex imur jaghmel is-service, l-attur wiegbu, "*Qalli ghidlu jhallasni tajtu l-ewwel kont ihallasni tal-pompi qalli ghx kien fihom ix-xoghol, u kellu jirranga xi affarijiet fuq it-torn. U Charlton qalli le, qalli ghax kont wiehed qallu l-imghallem ser johrog*."

Charlton Bugeja, skrivan mas-socjeta konvenuta jghid illi l-forklifter kien fi stat perikoluz. Kellem lill-imghallem tieghu Domnic Abela u dan tah il-kunsens sabiex isib mechanic. Ix-xhud jghid illi huwa kellem liz-ziju tieghu Leli Micallef li infurmah sabiex ikellem lil Kevin Camilleri. L-attur kien mar fit-28 ta' Settembru 2018 sabiex jaghmel it-tiswijiet fuq il-forklifter. Ix-xhud jghid illi fit-tlieta ta wara nofsinhar, li normalment huwa l-hin li jitlaq id-dar kien tfacca l-attur biex jaghmel it-tisiwijiet u x-xhud baqa mieghu sas-sitta ta' filghaxija biex jassistih. L-attur kien mar ghand tat-torn sabiex jaghmel it-tiswijiet li kien hemm bzonn u sahansitra kellu jmur f'okkazzjoni ohra biex jaghti t-tellus (hydraulic).

Ix-xhud ikompli jghid illi x-xoghjolijiet damu tlett sieghat fl-ewwel okkazzjoni u hames minuti fit-tieni okkazzjoni. "*Stima jigifieri ma kelli mkien, ma nafx kemm. . . . . jigifieri ahna qisna fdajnih. Li jigi jaghmel ix-xoghol imma stima ma kienx hemm*."

Rigward il-kont finali, x-xhud jghid, "*Kienet bicca karta ta' one six seven four., Imbaghad rajnih eccessiv l-ammont u ghidnilu tlabnih ghal dettalji ohra ghall-ircevuti, u gabilna tlett ircevuti ohra*."

Fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2019 xehed l-attur li qal illi s-socjeta konvenuta kellha urgenza sabiex issewwi dan il-lifter. Meta ezamina x kellu bzonn il-lifter huwa kien avza mill-ewwel lil Charlton Bugeja illi il-lifter kellu bzonn diversi parts li mhux bilfors kienu ser jinstabu jinxtraw. L-attur spjega kif tqabbad biex jaghmel ix-xogholijiet u dak kollu li ghamel sabiex ghamel it-tiswijiet necessarji fuq il-lifter. L-attur jghid illi kien tqabbad anke jaghmel is-service tal-lifter u li Dominic Abela kien tah struzzjoni sabiex jaghmel dak kollu li kien hemm bzonn.

Rigward il-karta z-zghira li kienet giet prezentata lis-socjeta konvenuta (a fol. 41) l-attur jispjega illi "*dik inizzel jien hdejn, dak ghandi ktieb invoice book zghir. Kull haga li nixtri ghax allahares ma taghmilx hekk, kull haga li tixtri ftakar li inti toqghod tmur, ghandek dak il-klijent u dak il-klijent.*" Flimkien ma' din il-karta, l-attur ta' spjegazzjoni tax-xoghol li ha u minn fejn xtara u l-oggetti mixtrija. (Fol.42u 43).

Joseph Fenech xehed fit-13 ta' Jannar 2020, li huwa mechanic u li kien ghamel tiswijiet fuq l-imsemmi fork lifter lis-socjeta konvenuta ftit tas-snin qabel.

L-attur rega gie imsejjah sabiex jixhed in kontro ezami fejn sostna illi fit-tieni okkazzjoni li kien mar sabiex jitfa l-hydraulic huwa kien dam ferm iktar minn hames minuti. Jghid illi l-hin tieghu jibda minn x hin jitlaq mill-garaxx u xorta sabiex titfa dik il-kwantita kbira ta' hydraulic jiehu l-hin.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din hija kawza ghal talba ta' ammont ta' flus, ta' elfejn u tnejn u ghoxrin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (Eur 2,022.52), liema ammont jinkludi l-valur mizjud. Ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn it-

Tribunal illi l-attur gie mqabbad sabiex jaghmel xogholijiet fuq dan il-lifter tramite huh. Dan ta' l-ahhar kellu insistenza kbira minn Charlton Bugeja, skrivan inkarigat ghan-nom tas-socjeta konvenuta sabiex isiru t-tiswijiet necessarji fuq dan il-lifter li kien fi stat perikoluz.

Minkejja illi r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta Dominic Abela ittenta jitfa l-htija u l-ghazliet li saru fuq il-haddiem tieghu Charlton Bugeja matul il-kontro ezami, it-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju illi l-istruzzjonijiet li ta Charlton Bugeja kienu fil-mansjoni tieghu ta' haddiem tas-socjeta konvenuta u li kellu wkoll insistenza u l-approvazzjoni tad-direttur tas-socjeta konvenuta sabiex jara illi t-tiswijiet kollha li kien hemm bzonn isiru. Ghaldaqstant huwa inutili illi s-socjeta konvenuta tipprova titfa r-responsabbilta tan-nuqqasijiet min-naha taghha fuq impjegat illi kien biss qed jaqdi d-doveri tieghu.

Tenut kont ta' dan u li ma hemm l-ebda kontestazzjoni li x-xogholijiet saru, anke fi kliem l-istess rapprezentant tas-socjeta konvenuta meta qal illi huwa xtaq u ghadu jixtieq illi jhallas lill-attur, jibqa l-punt krucjali jekk dak illi giet mitluba thallas is-socjeta konvenuta kienx esagerat u/jew jirriflettiex il-valur tax-xogholijiet li saru.

Illi magħmul dan ir-riassunt huwa ovvju li din il-kawża titratta biss, u b'mod sempliċi, il-ħlas dovut lill-attur għal-prestazzjoni (u materjal mixtri imwettqa minnu). Dwar dan, jidher li s-socjeta konvenuta bl-eċċezzjonijiet tagħhom (u kif anke irriżulta waqt ix-xhieda tagħhom) huma lesti li jħallsu, iżda mhux l-ammont hawn mitlub fl-intier tiegħu. Tajjeb jingħad li l-konvenuti bl-ebda mod ma jattribwixxu xi nuqqasijiet da parti tal-attur, jew b'xi mod jiddefendu din it-Talba billi jgħidu lix-xogħol magħmul kien ħażin jew ta' ebda utilità.

It-Tribunal huwa konvint li s-socjeta konvenuta kienet sahansitra sodisfatta tar-riparazzjonijiet li ghamel l-attur, tant illi qabbditu jaghmel ukoll is-service fuq l-istess lifter u l-attur gie mitlub jaghmel kont wiehed ta' kollox.

Izda meta s-socjeta konvenuta giet rinfaccata bil-kont li ipprezenta l-attur inqalghu l-problemi. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi wara li jkunu lesti x-xogholijet u galdarba ma gewx segwiti min-naha tas-socjeta konvenuta lanqas mistoqsijiet bazici tax-xoghoilijiet li kienu ser isiru u l-infieq marbut maghhom, huwa ferm difficcli biex wiehed jikkontesta l-ammont mitlub.

Dan it-Tribunal ma jistax lanqas iqabbel l-ammont mitlub mill-attur ma ammonti ohra simili li setghu saru minn terzi persuni fuq l-istess lifter ghaliex ix-xogholijet li saru kienu ferm differenti. Ghaldaqstant it-Tribunal ser jghaddi biex jevalwa d-dokumenti fosthom invoices u ircevuti ipprezentati mill-attur.

L-attur ipprezenta diversi invoices u ircevuti ta' parts illi kellu jixtri kif ukoll ta' servizzi illi nghata sabiex ikunu jista jwettaq l-inkarigu tieghu. Is-socjeta konvenuta ma gabet l-ebda prova kuntrarja li tmeri la l-ircevuti u lanqas li tali ircevuti kienu ta' xi parts illi ma ntuzawx. Tul il-procediment kollu t-teorija tas-socjeta konvenuta kienet illi l-ammont mitlub ghas-servizz rezi kien esagerat pero ma ngabet l-ebda prova kuntrarja li turi ghalfejn u kif dan l-ammont kien esagerat. L-istess jinghad ghax-xogholijet li saru mill-attur, fejn ma hemm l-ebda kontestazzjoni li x-xoghol ma sarx sew jew mhux komplut.

Illi finalment, dwar l-ammont mitlub mill-attur dan huwa wkoll meritevoli t'akkoljiment. Anke gwidat minn dik li hija l-valutazzjoni ekwitattiva, dan it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi li l-ammont huwa ġust,

mhux eżaġerat u jirrifletti sew ix-xogħol magħmul mill-attur. Għalkemm il-konvenuti jgħidu li dan huwa ammont eżaġerat, jonqsu milli jgħidu u jippruvaw kif dan huwa hekk. Wara kollox, eċċezzjoni, bħal talba, tibqa' mera allegazzjoni fin-nuqqas tal-prova

Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana,** (Appell Ċivili Nru: 266/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Novembru 2009 intqal hekk*: "Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala bonum vir, ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u tal-preġudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghallanqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti";*

**Decide**

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, qieghed jilqá t-talba tal-attur u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur s-somma elfejn u tnejn u ghoxrin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (Eur 2,022.52) bl-imgħax legali mis-17 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-socjeta konvenuta.

**Dr. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur